## <u>Birzebbuga tirbah ix-Shield tal-Vitorja 2008 (Kategorija B)</u>

Ir-Regatta tal-Vitorja 2008, se tibqa imfakkra mill-poplu ta' Birzebbuga, ghax id-Distrett ta' Birzebbuga rebah is-Shield tal-Kategorija B, u ghall-ewwel darba fl-istorja, is-Shield harget minn gol-Port il-Kbir. Kienet regatta li fijha id-distrett ta' Birzebbuga iddomina mill-bidu sa l-ahhar fejn intrebah il-Palju ta' l-ewwel fit-Tigrija ghad-Dghajjes tal-Pass b'zewgt imqadef (Clayton Fiteni u Joseph Flask), f'tal-Midalji (Gino Viacava, Clayton Fiteni, Joseph Flask u Charles Gauci), fil-Frejgatina (Gino Viacava, Twanny Viacava u t-tmunier Leonie Azzopardi) u fid-Dghajjes tal-Pass b'erba' mqadef (Louis Bonello, Clayton Fiteni, Joseph Flask u Charles Gauci). Intrebah ukoll palju tat-Tieni fit-Tigrija tal-Kajjiki (Louis Bonello u Clifford Curmi). Dawn wasslu biex Birzebbuga tellghet total ta' 84 punt u ghalhekk giet dikjarata Rebbieha ta' l-Aggregate Shield Kategorija B, segwita mill-Kalkara b'48 punt, l-Isla bi 28 punt u l-Marsa bi 12 il-punt, filwaqt li l-Birgu u Marsamxett ma rebhu ebda punt. Wara l-ahhar tigrija ta' din il-Kategorija, il-Ministru Dolores Cristina ipprezentat is-Shield lis-Sur Ian Farrugia, President tal-Klabb, fost il-ferh tal-partitarji minn Birzebbuga li honqu il-parti ta' wara id-dwana (fejn hemm il-mahzen ta Marsamxett). Wara, is-Shield flimkien mat-tazzi u l-paljijiet tnizzlu Birzebbuga permezz ta' carcade. Id-Dghajsa tal-Pass '22 ta' Frar' u dik tal-Midalji 'Maria Carmela' tnizzlu Birzebbuga permezz ta' *trailer* li hekk kif wasal Birzebbuga imtela' bil-partitarji ilkoll jaqbzu u jkantaw mal-muzika li bdiet tindaqq minn fuq it-*trailer*. Ic-celebrazzjonijiet baqghu ghaddejin sa tard bil-lejl.

Wara s-success storiku tal-Vitorja 2008, id-Distrett ta' Birzebbuga kien ghoddu se jerga jaghmila fir-Regatta ta' Jum il-Helsien 2009. Dan ghaliex spicca biss zewg punti wara r-Rebbieha li kienu l-Birgu. Fil-fatt il-Birgu tellghu total ta 60 punt filwaqt li Birzebbuga rebhet 58 punt. Dawn il-punti intrebhu bit-tielet post fit-Tigrija ta bi tnejn (clayton Debono u Johan Attard), it-tielet post fil-kajjiki (Louis Bonello u jimmy Falzon), l-ewwel post bil-midalji (Midalji (Gino Viacava, Clayton Fiteni, Joseph Flask u Charles Gauci), it-Tielet post fil-frejgatini (Gino Viacava, Twanny Viacava u t-tmunier Leonie Azzopardi) u l-ewwel post fit-tigrija ghad-Dghajjes tal-Pass b'erba' mqadef (Louis Bonello, Clayton Fiteni, Joseph Flask u Charles Gauci). Id-dizappunt ikompli jikber meta ninnutaw li fit-tigrija tal-frejgatini, kellhu jkun il-photo finish li jidentifika l-ordi ta l-opri li spiccaw fl-ewwel tlett postijiet. Ma dankollhu, kien hemm arja ta sodisfazzjon fost il-qaddiefa, l-ufficjali u l-partitarji hekk kif ghall-Regatta ohra Birzebbuga kienu fost il-protagonisti.

## <u>Il-Mahzen</u>

Kif rajna iktar il-fuq, bejn l-1972 u l-1976, il-Kumitat ghamel minn kollox biex jinbena mahzen xieraq ghad-dilettanti tar-Regatta, izda sfortunatament il-pass finali baqa ma sarx. Din kienet l-ikbar problema li wiret il-Kumitat, li fl-2004 rega' organizza id-Distrett ta' Birzebbuga. Ghal l-ewwel il-Kumitat inqeda b'garaxx li kien inkera' max-Xatt tal-Qajjenza fejn id-dghajjes kienu jigu varati minn hdejn l-impjant tal-gass. Izda wara saret rampa quddiem il-garaxx u d-dghajjes bdew jigu varati b'aktar kumdita.

Fit-2 ta' Jannar 2006, b'kollaborazzjoni mal-Ministeru ta' l-Infrastruttura intefghet applikazzjoni quddiem il-MEPA biex jinbnew *premises* u *slipway* biswit il-Pitch tal-Waterpolo. Izda l-Mepa, fil-31 ta' Lulju 2006, irrifjutat din l-applikazzjoni ghaliex skond huma konnha se nzidu it-tehid tal-art miz-zona kostali. Fl-1 ta' Settembru 2006 giet appellata din id-decizjoni, izda fis-7 ta' Marzu 2007, il-Mepa irrifjutat ukoll ir-rikonsiderazzjoni.

Sa dan it-tant il-Kumitat kien ghadu qed jopera mill-garax tal-Qajjenza, li izda kull ma jmur dan beda jsir zghir minhabba li l-opri bdew dejjem jizdiedu. Fi Frar 2007 il-Kumitat wasal fi ftehim mal-Consortium li jmexxi il-Cottonera Waterfront biex jinkerha Mahzen f'Xatt ir-Rizq il-Birgu, kif fil-fatt sar. Dan il-Mahzen, minbarra li kien kbir hafna kien vicin ta' *slipway* li minnha jvaraw il-Club tar-Regatta ta' Bormla, u ghalhekk kien idejali ghalina. F'Marzu 2007, il-Kumitat tefa' ghajnejh fuq mahzen li kien jaghmel parti mill-Macina, fl-Isla. Meta deher li kollox kien miexi fit-triq it-tajba, saret petizzjoni min-nies ta' l-Isla biex dan il-mahzen ma jinaghtax lill Klabb Regatta Birzebbuga u ergajna bqajna b'xiber imnieher.

Il-Kumitat baqa juza l-mahzen f'Xatt ir-Rizq il-Birgu sakhemm fis-17 ta' Frar 2009 ircevejna avviz minghand il-Cottonera Waterfront Consortstium biex fl-1 t'April 2009 nizgumbraw il-mahzen. Kummissjoni li twaqqfet apposta fl-2008, iffurmata mill-Ufficjali tal-Klabb, flimkien ma Emanuel Zammit, Stanley Zammit u l-Onorevoli Dr Franco Debono bdiet sensiela ta' Laqghat mas-Segretarjat ta' l-Isport biex il-Klabb ikollhu mahzen xieraq, fejn anki gew proposti pjanti ta' club f'Wied il-Buni. Kif ircevejna l-avviz ta' zgombru il-Kummissjoni kompliet tintensifika il-pressjoni biex jinstab post alternattiv. Ghall-ewwel id-Dipartiment tal-Lands offrewlna mahzen fil-Marsa, li pero kellhu hsarat strutturali kbar u ma stajniex invaraw l-opri fil-bahar.

Nhar it-3 ta' Gunju 2009 ircevejna l-ahbar li tant konnha ilna nistennew meta s-Segretarju Parlamentari Jason Azzopardi taghna l-kelma li se jaghtina mahzen temporanju. Wara li saru il-proceduri necessarji, nhar il-Hamis, 2 ta' Lulju 2009, l-ufficjali tal-Klabb, iffirmaw kuntratt, li bih il-Klabb inghata b'mod temporanju mahzen li qieghed f'Numru 36, Xatt ir-Rizq, Valletta. Dan il-kuntratt gie ffirmat fl-ufficju tas-Segretarju Parlamentari Jason Azzopardi, fil-Presenza tas-Sur Paul Miruzzi u Albert Mamo mid-Dipartiment tal-Lands, tas-Sur Stanley Zammit u Emanuel Zammit (Kummissjoni tal-Mahzen), kif ukoll tal-Perit Anthony Bezzina, li kien strumentali biex instab dan il-post.

Peress li dan il-mahzen kien ilu ma jinfetah u jintuza, kien fi stat ta abbandun. Ghalhekk kien hemm bzonn ta' tindif u xoghol iehor biex il-mahzen ikun jista jintuza. Fil-fatt id-dghajjes bdew jingarru mill-mahzen ta Xatt ir-Rizq fil-Birgu ghall-mahzen ta Xatt Lascaris fil-Belt, nhar il-Gimgha, 14 t'Awissu 2009, filwaqt li it-Tnejn 17 t'Awissu 2009 beda it-tahrig ghar-Regatta tal-Vitorja 2009. Din ir-Regatta immarkat il-hames partecipazzjoni ta Birzebbuga minn mindu rega gie organizzat id-Distrett u l-ghaxar partecipazzjoni b'kollox. Minkejja l-ispirtu sportiv u d-determinazzjoni li wrew il-qaddiefa ta' Birzebbuga, f'din ir-Regatta ma ntrebah l-ebda palju. Hafna mill-qaddiefa

kienu qed jippartecipaw ghall-ewwel darba u ohrajn kienu qaddiefa ta' taht it-tmintax il-sena.

Fir-Regatta ta' Jum il-Helsien 2010, id-Distrett ta' Birzebbuga rega' iffoka fuq il-qaddiefa zghazagh. Fil-fatt, kienu zewg zghazagh prodott tal-Klabb li rebhu palju mill-isbah. Dan sehh fit-tigrija tal-Kajjiki, fil-Kategorija A, fejn Kevin Attard u Gilmour Micallef, ghelbu l-isfida ta' qaddiefa aktar kwotati minnhom u dahhlu fit-Tielet post. Dawn iz-zewg zghazagh ghamlu wkoll tigrija sabiha fil-Kajjiki tal-Kategorija B, filwaqt li fit-tigrija tal-Frejgatini Kategorija A, l-ekwipagg ta Birzebbuga dahal fir-raba post wara tigrija mill-iktar rispettabli.

## Mument Memorabbli

Kien mument tassew memorabbli ghall-Klabb Regatta Birzebbuga, meta nhar il-Hadd, 18 t'April 2010, zewg Dghajjes tal-Pass tad-Distrett taghna, kienu fost dawk li akkumpanjaw lill-Papa Benedittu XVI, meta qasam mill-Kalkara lejn il-Valletta Waterfront abbord il-katamaran 'San Pawl'. Din kienet wahda mill-attavitajiet li mmarkaw iz-zjara tal-Papa Benedittu XVI f'Malta, bejn is-17 u 18 t'April 2010.

Mal-katamaran inaghqdu mijiet ta' opri tal-bahar, fosthom zewg dghajjes minn kull Distrett li jippartecipa fir-Regatta. Naturalment id-Distrett ta' Birzebbuga ma qaghadx lura milli jakkumpanja lis-successur ta' San Pietru, u ghalhekk iz-zewg dghajjes tal-Pass ta' Birzebbuga - Pietra u 22 ta' Frar – hadu sehem f'dan l-avveniment spettakolari gewwa l-Port il-Kbir.

Fir-Regatta tal-Vitorja 2010, id-Distrett ta' Birzebbuga ippartecipa fl-10 tigrijiet izda minghajr success. Fil-fatt ma nkiseb ebda punt kemm fil-Kategorija A kif ukoll fil-Kategorija B. Ma dan kollhu ersaqna vicin hafna fit-tigrija tal-Kajjiki tal-Kategorija B, fejn kellhu jkun il-Photo finish li iddecieda minn dahal it-tielet bejn il-kajjik ta Birzebbuga u dak tal-Birgu.